**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum l-Erbgha 19 ta' Awwissu 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud **Johann Buttigieg** iben Anthony u Dolores nee` Scicluna imwieled l-Imtarfa u residenti Ta' Sliema, bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kemm ilek tahdem ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u f' liema kariga?

***Ix-Xhud :***
Prattikament dhalt fin-1994 ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, spiccajt f' Novembru tas-sena l-ohra, u kont nokkupa diversi karigi. Fl-ahhar wahda li kienet ta' Chairman Esekuttiv.

***Imhallef A Lofaro :***
U llum il-gurnata l-kariga tighek?

***Ix-Xhud :***
Illum qieghed Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita` tat-Turizmu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ta' l-Awtorita` tat-Turizmu.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Issa bhala CEO kont isservi wkoll fuq il-Bord ta' l-Awtorita`?

***Ix-Xhud :***
Iva, kont ovvjament nirrapprezenta lid-Direttorati fuq il-Bord ta' l-Awtorita`, biss jiena qatt ma kelli vot.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qatt ma kellek vot.

***Ix-Xhud :***
No.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Lanqas Casting.

***Ix-Xhud :***
No. Fuq il-Bord ta’ l-Awtorita` li tiehu d-decizjoni fuq il-permessi le.

***Imhallef A Lofaro :***
Kont taghti pariri? Kont konsulent?

***Ix-Xhud :***
Ehe, il-ligi tghid prattikament, il-ligi tal-Ippjanar tghid li l-Kap Ezekuttiv ghandu jkun prezenti fuq il-Bord biex ovvjament jigwida lill-Bord.. x’ jismu..

***Imhallef A Lofaro :***
Guidance; gwida ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti ghamilt xi zmien konsulent fl-ufficcju tal-Prim Ministru wkoll …

***Ix-Xhud :***
Le.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
…. qabel Robert Musumeci?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Le?

***Imhallef A Lofaro :***
Fuq il-Planning.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fuq il-Planning?

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma jekk ma kontx konsulent kont tigi konsultat minn l-istess ufficcju tal-Prim Ministru? Mela ma kontx konsulent, imma kien jitolbok pariri l-Prim Ministru? Jigifieri li tigi konsultat.

***Ix-Xhud :***
Yes yes, mela ma ninsewx li bejn it-2013 sakemm ha over l-Onorevoli Ian Borg, il-Ministru responsabbli minn l-Ippjanar kien il-Prim Ministru. Allura ovvjament imbaghad kien hemm is-segretarji parlamentari li jirrispondu lejn il-Prim Ministru. Issa ovvjament fil-lok ta' diskussjonijiet li kien ikollna fuq policies etc etc iva jiena kont naghti l-opinjoni tieghi.

***Imhallef A Lofaro :***
Kien jitlobhielek hu, hux vera nimmagina?

***Ix-Xhud :***
Mhux il-Prim Ministru; ovvjament jew is-segretarju parlamentari… generlament is-segretarju parlamentari, ghax ovvjament ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma nimmagina kien ikollhom bzonnok Kastilja fuq xi pariri, fuq xi guidance, nimmagina

***Ix-Xhud :***
Gieli, gie li mort iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Gieli kien ikollok tmur. Dan sakemm pero` sakemm kien hemm imbaghad Ministru responsabbli

***Ix-Xhud :***
Ezattament.

***Imhallef A Lofaro :***
Li kien ghedtilna fit-2013 hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Le. Il-Ministru responsabbli mbaghad gie jekk minhiex sejjer zball 2018 sa fejn naf jien.

***Imhallef A Lofaro :***
2018.

***Ix-Xhud :***
Yes meta ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mela  allura domt hekk hames snin inti

***Ix-Xhud :***
U zgur.

***Imhallef A Lofaro :***
All right.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Min kien il-Ministru dak iz-zmien li qed issemmi?

***Ix-Xhud :***
Le, il-Ministru.., mela ejja nibdew; 2013 kien il-Prim Ministru u segretarju parlamentari l-Onorevoli Michael Farrugia; warajh kien ha l-Onorevoli Michael Falzon; warajh kienet hadet l-Onorevoli Deborah Schembri, u mbaghad kien sar il-Ministru Ian Borg, u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kien imbaghad taqa' taht ir-responsabbilta` ta' l-Onorevoli Chris Agius.

***Imhallef A Lofaro :***
Imbaghad kien hemm.., nafu li konsulent ukoll f' dan ir-rigward huwa il-Perit Dr Robert Musumeci.

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Imhallef A Lofaro :***
U minghalija dak kien gie mahtur fit-2013.

***Ix-Xhud :***
Ma nafx ezattament, imma naf li kien konsulent ovvjament mal-Ministeru.

***Imhallef A Lofaro :***
Allura issa inti ghedtilna li bejn it-2013 u 2018 kont tigi konsultat inti. La darba kien hemm il-perit Dr Musumeci kontu tigi konsultati forsi dwar aspetti differenti?

***Ix-Xhud :***
Le. Konna ovvjament… konna nigu konsultati specjalment…, u l-iktar role li kellu Dr Musumeci kien attwalment fis-segregation tal-poteri ta' l-Awtorita`

***Imhallef A Lofaro :***
Ok. Iva.

***Ix-Xhud :***
Ma ninsewx li qabel l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar kienet tifforma minn l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u l-Awtorita` Ambjentali

***Imhallef A Lofaro :***
Iva, sewwa.

***Ix-Xhud :***
U fil-fatt kien jisimha MEPA. Ovvjament il-Perit Robert Musumeci kien ukoll jaghti pariri kif l-ahjar wiehed.. l-ahjar metodu..

***Imhallef A Lofaro :***
M’ mod… ‘metodu’ jigifieri legali nimmagina

***Ix-Xhud :***
Legali ta aktar minn kollox. Jigifieri kif ghandha issir din il-qasma.

***Imhallef A Lofaro :***
U mhux allura fuq l-affarijiet li kont tigi konsultat int? So ma kienx hemm overlapping?

***Ix-Xhud :***
Le le, ma kienx hemm overlapping.

***Imhallef A Lofaro :***
Le. Ghax hu kiek jigi konsultat fuq affarijiet ohrajn.

***Ix-Xhud :***
Ezattament.

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` mbaghad wara t-2018..

***Ix-Xhud :***
U gieli… gieli, jigifieri mhux qed neskludi li gie li kien hemm policy li ma konniex niddiskutuha flimkien jigifieri fil-prezenza tas-segretarju parlamentari. Imma kulhadd jaghti l-opinjoni tieghu.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma inti u l-perit kontu tahdmu in tandem jew kellkom id-doveri separati taghkom?

***Ix-Xhud :***
Le, generalment konna nibdew wiehed minn north u wiehed mis-south u mbaghad konna naqblu flimkien.

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` mhux per ezempju hu kien jara l-aspetti legali u inti l-aspetti ta' policy? Ma nafx.

***Ix-Xhud :***
Le le; jigifieri hu kien qed jaghti anke l-opinjoni tieghu bhala l-perit prattikant kif ha juza ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe, perit prattikanti.

***Ix-Xhud :***
Perit prattikanti kif ser juza s-sistema ta' l-Ippjanar. U ovvjament jien kont qed naghti l-parir ta' kif l-Awtorita` qed tiggestixxi l-kwistjoni tal-permessi.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Allura ghal dawk li huma policies dawna huma imfassla mill-gvern jew imfassla mid-Dipartiment – mill-MEPA, dak iz-zmien qed nitkellmu MEPA, all right?

***Ix-Xhud :***
Yes; il-ligi hija ….

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Partikolarment ghal high rise u bini fl-ODZ.

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` li qed jitkellem l-Imhallef qabel ma gew separati

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qabel ma gew separati.

***Ix-Xhud :***
Yes yes. Mela, il-ligi hija cara kif x' jismu.., mela, jista' jew ikollok direzzjoni minn ghand il-gvern li jaghtik direzzjoni johroglok l-objectives u inti tibbaza

l-policies skont l-objectives li jkun tak. Jew inkella l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar out of its on motion tista’ taghmel tibdil li hi thoss li hemm necessarju u tirreferih lill-Ministru, u mbaghad il-Ministru jekk jaqbel imbaghad jibda’ process ta’ public consultation etc etc.

***Imhallef A Lofaro :***
Issa jekk il-Ministru ma jaqbilx irid jaghti xi opinjoni bil-miktub? Tapplika dik?

***Ix-Xhud :***
Imma wara li jkun saret il-public consultation sa fejn naf jiena.

***Imhallef A Lofaro :***
Consultation with third parties, with business developers …

***Ix-Xhud :***
Consultation… meta ssir public consultation jigifieri l-policy per se tohrog ghal pubbliku b’ minimum ta’ sitt gimghat konsultazzjoni biex kull min irid jghid xi haga fuq dik il-policy ikun jista’ jghidha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Rigward il-high rise policy, dina meta bdiet l-ewwel darba?

***Ix-Xhud :***
Mela l-high rise policy ilha in vigore. Fit-2013 – ‘14 li kien gara huwa li konna irristringejna l-applikabbilita` taghha. Ghaliex? Mela inti kellek numru ta’ permessi li kienu qed johorgu u kienu qed joholqu public out cry.

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe, qabel it-2013.

***Ix-Xhud :***
Qabel it-2013 qed nitkellmu. Jigifieri.. jien naf?, per ezempju l-permess ta’ Portomaso, kien hemm permess Ghawdex Marsalforn, kien hemm permessi ohrajn li kienu hargu bl-applikabbilita` ta’ l-FAR

***Imhallef A Lofaro :***
Iva.

***Ix-Xhud :***
U ovvjament ghedna isma’, ghedna ejja naraw ghaliex ma rridux ingibu kullimkien high rises; u hemmhekk konna ghamilna tibdil f’ dik il-policy fejn

prattikament illimitajniha ghal hames zoni partikolari u dahhalna kriterji ta' kif ghandha tigi applikatha, li kienu iktar ristringenti milli kien hemm qabel.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dawn il-hames zoni liema kienu?

***Imhallef A Lofaro :***
L-Imriehel nahseb hux?

***Ix-Xhud :***
Kien hemm l-Imriehel, Ta' Sliema, San Giljan u l-Gzira, ghandek Bugibba u l-Qawra. Dawk sa fejn naf jien.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jigifieri qed issemmili postijiet fejn kien hemm koncentrazzjoni urbana hafna.

***Ix-Xhud :***
Iva, le dawn huma kollha.., u fil-fatt ghalhekk illimitajniha. Ghaliex kif kienet qabel stajt tapplika kullimkien.

***Imhallef A Lofaro :***
Il-Mellieha giet inkluza wkoll?

***Ix-Xhud :***
Il-Mellieha ma kinetx giet inkluza le.

***Imhallef A Lofaro :***
Le. Ok.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U l-Imriehel ..

***Ix-Xhud :***
Sorry, biex nikkoregi; mhux giet inkluza, ma eskludejnihomx. Ghaliex dik hija..

***Imhallef A Lofaro :***
Da zgur, hemm differenza kbira!

***Ix-Xhud :***
Hemm differenza kbira

***Imhallef A Lofaro :***
Da zgur.

***Ix-Xhud :***
Altru li inti inkludejt u altru inti eskludejt.

***Imhallef A Lofaro :***
Mela jekk ma hijiex eskluza per ezempju issa li qbadna mal-Mellieha, u jien irrid nizviluppa lukanda per ezempju, x' ser naghmel?

***Ix-Xhud :***
Mela l-Mellieha hija eskluza. Issa ovvjament inti tapplika, skont il-height limitation li hemm, u mbaghad hemm policy ohra tal-lukandi li taghti 2 extra floors over and above l-height limitation.

***Imhallef A Lofaro :***
Over and above the height limitation.

***Ix-Xhud :***
..the height limitation yes

***Imhallef A Lofaro :***
Ok. U l-pozizzjoni ghadha hekk sal-lum?

***Ix-Xhud :***
Iva ghadha hekk sal-lum.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma nbiddlitx fuq il-high rise

***Ix-Xhud :***
Le le ma nbidlitx.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma nbidlitx. Ghax kellha ssir xi haga Paceville jidhirli jiena u li ghadha ma saritx hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Hekk hu; ehe, Paceville ovvjament hemm numru ta' applikazzjonijiet jigifieri, u kien hemm ovvjament anke applikazzjonijiet ohrajn li gew approvati, qabel 2013.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-policy hija driven minn progetti proposti jew inkella l-gvern jaghmel policy u wara jigu l-progetti?

***Ix-Xhud :***
Le it was not project driven. No. I was policy driven. Jigifieri ovvjament bdejna naraw l-ammont ta' pressure li kienu qed isir dak iz-zmien biex jigu zviluppati kullimkien inkluz Ghawdex

***Imhallef A Lofaro :***
Minn ghand id-developes hux veru?

***Ix-Xhud :***
Minn ghand id-developers.

***Imhallef A Lofaro :***
Mid-developers.

***Ix-Xhud :***
U ma ridniex li attwalment..; diga` kellna fl-opinjoni tieghi zball kbir il-progett li kien gie approvat Marsalforn, u ma ridniex li ovvjament inkomplu ghaddejjin f' dik id-direzzjoni, u ghalhekk ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri ghandi nifhem li sar studju, sar studju u gie deciz illi dawk l-areas ikunu identifikati bhala….

***Ix-Xhud :***
Ezatti.

***Imhallef A Lofaro :***
Dawk il-hames postijiet

***Ix-Xhud :***
Dawk il-hames postijiet ma gewx eskluzi mill-policy kif kienet qabel

***Imhallef J Said Pullicino :***
U kienu jinkludu anke l-Imriehel dawn?

***Imhallef A Lofaro :***
Iva, semmiha.

***Ix-Xhud :***

Meta kienet harget public consultation ma kinetx tinkludi l-Imriehel. Wara l-public consultation identifikajna li anke l-Imriehel ghandha tigi eskluza mill-policy.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Din ta' l-Imriehel titsa' ittina xi informazzjoni addizzjonali x' gara? Ghax donnu hawn kontroversja…

***Ix-Xhud :***

Le ifhimni, l-Imriehel hemm…, ma ninsewx li anke f' permessi qabel kien hemm anke progett tal-gvern li kien gie approvat li kien jaqbez il-hieght limitation, kien progett ta' xi gholi ta' si 40 metru; ghalkemm ma sarx imma kien gie approvat. U kien hemm anke policy li kienet giet emendata jidhirli li jekk minhiex sejjer zball xi 2008 li kienet taghti oghli hafna iktar addizzjonali mal-x' jismu. Bhala Awtorita` u bhala gvern dejjem gie identifikat li l-Imriehel ghandu jkun meqjus bhala an Enterprise Hub u nibdew nixxiftjaw il-… ghax ovvjament ma kienx ghad fadal lok ta' fabriki imma iktar lok issa ta' servizzi li ghandhom x' jaqsmu ma' gaming u ma' ufficini ta' certu livell, u allura hasejna li jkun pass tranzatorju tajjeb li hemmhekk jigi identifikat bhala an Enterprise Hub. Fil-fatt, just biex ukoll inkun nista' insemmi, sa fejn naf jien jekk minhiex sejjer zball, ghax din anke kienet qamet issue minn ghand l-ENGOs dak iz-zmien, din l-issue ta' l-inkluzjoni ta' l-Imriehel wara fil-policy kienet anke giet investigata mill-Kummissjoni Ewropea u ma kienet sabet xejn irregolari. Just as a point to note.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Jigifieri minn l-esperjenza tieghek bhala CEO tal-MEPA ghal dawn is-snin kollha; mela kienet tigi dejjem u …, x' inhija l-influwenza tan-negozjanti kbar fuq il-MEPA? I mean dan dejjem hemm differenti bejn il-percezzjoni ta' nies barra, ifhimni, u . .; forsi ittina daqsxejn background ..?

***Ix-Xhud :***

Jiena nghid li meta specjalment jekk tkun qed issir policy, l-influwenza tad-developers hija equally ta' l-influwenza ta' l-ENGOs. Ovvjament wiehed ikun qed jimbotta biex jinghata iktar zvilupp u l-ENGOs ikunu qeghdin jaghtu biex ma jinghatax l-izvilupp, specjalment fejn jidhol l-ODZ; u hemmhekk ovvjament irridu naghmlu l-bilanc ta' x' inhuma the economic needs? X' inhuma the social needs? X' inhuma the environmental needs? Ovvjament skont ta' xi tkun qed tiddiskuti, ghax jekk tkun qed tiddiskuti affarijiet li ghandhom x' jaqsmu ma' l-ODZ allura ha taghi iktar importanza l-aspetti ambjentali. Jekk qed titkellem iktar fuq zoni urbani ha taghti iktar importanza lejn l-ekonomija ovvjament.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Allura din id-diskussjoni fejn issir?

***Ix-Xhud :***
Mela issir at both technical level jigifieri ma' l-ufficjali li huma esperti fi produzzjoni ta' policy

***Imhallef A Lofaro :***
Fil-MEPA sess jigifieri

***Ix-Xhud :***
Fil-MEPA stess. Issir imbaghad at Board level fejn ghandek ovvjament il-membru tal-Bord li huma .

***Imhallef A Lofaro :***
U fejn inti kont taghti gwida.

***Ix-Xhud :***
Ezattament; fejn ovvjament hemm 13-il membru fuq dan il-Bord kif ovvjament kompost mil-ligi. U kienet ukoll issir at the political level, fejn ovvjament hemmhekk inti ghandek il-Ministru li jrid ikun konvint minn dak li qal it-teknici, dak li qal il-Bord biex imbaghad jara xi jkun dahal fil-public consultation biex imbaghad jiehu decizjoni jekk hux ser japprova jew le dik il-policy.

***Imhallef A Lofaro :***
U li fl-ewwel hames snin kien il-Prim Ministru, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Imma dejjem kien joqghod fuq il-parir tas- segretarju parlamentari jigifieri

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Li kien? Min kien dak iz-zmien?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Qalilna min kien

***Ix-Xhud :***
Mela l-ewwel segretarju parlamentari kien l-Onorevoli Michael Farrugia

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Yes yes, ok..

***Imhallef J Said Pullicino :***
U l-influwenza tan-negozjanti fuq ta' decizjonijiet inti ma tikkonsidrahiex.., jekk tghidli le jew iva naf li id-dinja kollha.., mhux ilbierah din imma..

***Ix-Xhud :***
Le le fhimni, in-negozjanti min-naha taghhom minn dejjem jaghmlu pressure; biss li nista' nghidlek f' hafna drabi their pressure did not succumb; jigifieri, anzi rarissimu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
M' hemm xejn hazin li ..

***Ix-Xhud :***
Le le ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…nifhem illi lobbying irid isir; il-kwistjoni ta' kif, come u ..

***Ix-Xhud :***
Dak nassigurak li kull min ikollu mqarr one centimetre ta' proprjeta` jaghmel il-pressure tieghu biex jizviluppa to the max.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma ghandix dubju. Naqblu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Wahda minn l-ilmenti illi naqraw ahna fil-media hija illi numru kbir, qed jigi allegat almenu, numru kbir ta' permessi ODZ li qeghdin jinghataw, dan minnu? Inti xi tghid dwarha din?

***Ix-Xhud :***
Ovvjament kien hemm numru ta' applikazzjonijiet; ejja ma ninsewx li bejn it-2013 u it-2019 l-ammont ta' zieda ta' applikazzjonijiet li kien hawn fl-oqsma kollha kien wiehed li konna nahseb jiena ilna ma naraw fit-2006, xi haga hekk, hemm statistika shiha. Jigifieri jekk titolbu lis-CEO tal-Planning, ghax jien ovvjament anke jien kelli, meta wiehed, u jikkompara l-permessi.., ghax inti generalment anke l-permessi fl-ODZ there is a correlation fiha. Mela jekk inti ghandek zieda fl-applikazzjonijiet fl-urban generalment ghandek ukoll zieda fl-applikazzjonijiet fl-ODZ. Disgha u disghin fil-mija r-raguni tkun the economic activity li tkun ghaddejja fil-pajjiz. Mela meta inti ghandek dik iz-zieda ovvjament kien hemm ukoll bdil fil-policy…, il-bdil fil-policy ta' l-ODZ jekk minhiex sejjer zball saret 2014 - 2015, xi haga hekk saret il-bdil fil-policy..

***Imhallef A Lofaro :***
U tibdil kien f’ liema sens? Li isma’, ejja nkunu iktar permessivi? Ma nafx.

***Ix-Xhud :***
Le ifhimni ..

***Imhallef A Lofaro :***
Tolleranti..?

***Ix-Xhud :***
Mela kien hemm bdil varju. Per ezempju kien hemm bidla li hi per ezempju bidwi jekk ghandu erbat itmiem raba’ seta’ japplika ghal kamra.

***Imhallef A Lofaro :***
Erbat itmiem.

***Ix-Xhud :***
Erbat itmiem. Qabel kienet li jrid ikollok hamest itmiem; mela hemmhekk saret iktar permessibbli.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Ix-Xhud :***
Dahal il-kuncett tal-young farmers. Jekk inti ghandek certu eta` tista’ ovvjament tapplika u jkollok x’ jismu. Qabel per ezempju kienet illi jekk inti jkollok binja li hija iktar minn mitejn metru kwadru (200 mtr k) stajt iddawwarha f’ residenza. U dik baqghet hemm, imma sar il-limit li mhux ikollok kemm ikollok bini jista’ jinqaleb f’ residenza imma sa 200 metru kwadru jista’ jinqaleb f’ residenza. Mela hemmhekk daret iktar restrittiva. Kien hemm…

***Imhallef A Lofaro :***
U jekk ghandi inqas allura minn hekk?

***Ix-Xhud :***
Jekk ghandek inqas, jekk huwa sa mitt metru (100 mtr), jigifieri minn mitt metru ‘l fuq tista’ tapplika ghal residenza u tiehu sa massimu ta’ mija u hamsin (150), jigifieri l-iktar li stajt tiehu kien an addition 50 square meters. U jekk kellek inqas minn mitt metru ma stajtx taghmilha residenza.

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` jista’ ikolli kamra zgur, le?

***Ix-Xhud :***
Imma, imma wkoll irid ikollok u trid iggib il-prova li xi darba dik li jekk kienet tintuza bhala residenza jew li kien jghix xi hadd fiha. L-ikbar issue li kien fiha l-policy at that stage kien il-kwistjoni tar-ruins. Ghaliex? Fid-definizzjoni ta’ x’ jismu, jekk inti stajt iggib il-prova li kien hemm strutturi li llum ma ghadhomx strutturi u allura huwa ruins, hemmhekk stajt terga’ qisek tirreattiva dak il-permess, u dik nahseb li kienet l-ikbar issue li gabet dik il-policy.

***Imhallef A Lofaro :***
Anke jekk fuq ir-ruins ma kienx hemm permess?

***Ix-Xhud :***
Le, ahna dejjem nghidu li dak kollu li jidher qabel is- ‘78 huwa meqjus li huwa bil-permess.

***Imhallef A Lofaro :***
All right.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ifhinni, dawn l-affarijiet ghalina bhala Inkjesta immaginari. Fis-sens illi ahna ma nagixxux fuq il-policy jekk hix tajba jew hazina

***Ix-Xhud :***
Le le ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
..dik xi haga mbaghad li  hija subject to ….   Li jinteressana  pero` huwa l-idea ta’ immunita` u ta’ sanctioning. Jigifieri ha nistaqsik l-istess bhalma staqsejna ftit ilu lill-Kummissarju tat-Taxxi; hawn l-impressjoni illi tibni, u mbaghad tiehu r-riskju u xi darba tissankxenja. Issa this is the general impression imma mhix impressjoni fl-arja. Jigifieri l-fatti ‘l hawn u ‘l hemm jikkonfortaw din l-impressjoni. X’ inhi din il-politika u jekk taqbilx illi l-atteggjament, ha nsejhulu hekk, huwa incentiv ghal kultura ta’ immunita`. Jigifieri tista’ taghmilha fuq tieqa, tista’ taghmilha fuq sular, u tista’ taghmilha fuq progett enormi

***Ix-Xhud :***
Naqblu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri naqblu li dina tezisti bhala politika ?

***Ix-Xhud :***
Le..

***Imhallef J Said Pullicino :***
….bhala atteggjament, mhux bhala politika tal-gvern, bhala attegjament tan-nies ghal dawk li qed jigri. Kif tirranga bil-Malti ha nghidu hekk, ghax ahna din li.. u dan huwa l-qofol tal- ..

***Ix-Xhud :***
Mela ejja nghidu li hija kultura.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu hekk hu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Nafu li lukanda inbniet u mbaghad irrangaw wara!

***Ix-Xhud :***
Yes, ghalhekk. Jigifieri ejja nghidu li din hija kultura. Jigifieri inti ghandek kultura minn zmien it-tmeninijiet fejn lanqas biss kellek bzonn permess fejn inti jekk ikollok bini li huwa qrib mieghek sa mitt metru stajt taqbad u tmur thammell u kwazi kwazi tibda, u attwalment il-permess kien johrog wara li x jismu. Ghal-lum, li ghal-lum ghal kull caqlieqa li trid taghmel fil-bini trid xi forma ta' permess.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk suppost.

***Ix-Xhud :***
Issa, iva, jigifieri ghad hawn nies li ehe jiehdu l-ligi b' idejhom u prattikament…

***Imhallef A Lofaro :***
Jiehdu r-riskju

***Ix-Xhud :***
Jiehdu r-riskju. Biss, il-permess jista' johorg biss jekk huwa skont il-policy. Jekk ma huwiex skont il-policy il-permess mhux suppost li jkun inhareg, u ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma jista' ikun li forsi jhallsu multa kbira u jigi sanctioned il-permess hekk? Sanctioning.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tinbidel il-policy per ezempju..

***Imhallef A Lofaro :***
Nisimghuha tas-sanctioning.

***Ix-Xhud :***
Iva, le le, u gie li kien hemm kazijiet fejn per ezempju kien hemm fabrika kbira per ezempju li l-gvern qal issa dina tant.., mhux il-gvern, insomma, l-Awtorita`, qalet tant kemm hija kbira, tant kemm dan ihaddem nies li llum ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax dik hi; fil-fatt dik tidhollok; Isma jien qed nimpjega in-nies

***Ix-Xhud :***
F' dan il-kaz partikolari huwa pre 2013 jigifieri li qed nitkellem; biss ovvjament gieli jkun hemm cirkostanzi....

***Imhallef A Lofaro :***
Nahseb li din tinfluwenza hux ta' kem qed inhaddmu nies; inkella ser jitilfu ix-xoghol, heq!

***Ix-Xhud :***
Ifhimni, iva

***Imhallef A Lofaro :***
It carries weight; it carries weight.

***Ix-Xhud :***
Ejja nghidu hafna …

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jekk insemmu lil Polidano per ezempju li kellkom .... enforcement enormi ..

***Ix-Xhud :***
Ghalih ...

***Imhallef J Said Pullicino :***
...illi sal-lum ma gara xejn, u generalment l-impressjoni hi ma jigri xejn ghaliex dan jghid jiena ghandi elf ruh u ser inkeccihom; jigifieri din hija r-realta`

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax qed jimpjega hafna nies. Smajniha; din kulhadd semaghha

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dan hu ....hemmhekk tinholoq il-kultura ta' l-immunita`

***Ix-Xhud :***
Biss irridu nifhmu wkoll illi jista' ikun illi l-Awtorita` kellu n-nuqqasijiet taghha fejn ma kinetx mghagla bizzejjed biex tara wkoll il-htigijiet ta' dawn l-industriji. Jigifieri ejja nkunu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Biex tara.... jekk joghgbok?

***Ix-Xhud :***
Il-htigijiet ta' dawn l-industriji. Jigifieri jiena filwaqt li nifhem ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le imma dan mhux l-industriji; dina li wiehed jabbuza mil-ligi, jabbuza minn kollox, jaghmel affarih, tajjeb? Jekk tisraq ghaxar Euros tmur il-habs. Jekk tisraq tomna raba' ma tiehu xejn; … gvern jghidlek prosit. Tajjeb? Jigifieri din il-pozizzjoni.

***Ix-Xhud :***
Naqblu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma taghti htija lil hadd; pero` l-kultura, nerrghu nigu, kienet u ghadha dik.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imbaghad kwistjoni ta' gazz, qed niftehmu?

***Ix-Xhud :***
Iva. Jigifieri jiena li nista' nghidlek huwa li per ezempju fuq il-kaz ta' Polidano meta kellna bzonn waqqafnih waqqafnih. Bhala bini ma kompliex tiela' minn wara jekk minhiex sejjer zball 2016, minn wara li konna morna waqqajnielu t-torri u xi affarijiet ohra. Sal-lum, jew ghall-inqas sakemm tlaqtu jien iz-zoo kien ghadu issiggillat u konna anke sahansitra ghamilnielu diversi xhur bil-Pulizija ghassa. Kie hemm anke u ghad hemm.., dejjem sakemm tlaqt jien nista' nitkellem ghax wara li tlaqt jien ma nistax nitkellem

***Imhallef A Lofaro :***
Novembru li ghadda.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu. Sa hemm CCTV cameras installati fuq il-post biex naraw li x-xoghlijiet ma jizdidux. Jigifieri l-Awtorita` min-naha taghha li stajna naghmlu nassigurak li ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma taqbel li bhala Awtorita` kellkom u forsi ghad ghandhom, problema ta' enforcement?

***Ix-Xhud :***
Iva ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
.. naqblu

***Ix-Xhud :***
Naqblu. Jigifieri jiena kieku ovvjament kien hemm budget li nista' ovvjament insahhah it-taqsima ta' l-infurzar b' tali mod u manjiera li ovvjament ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri hawnhekk you are flagging a  problema

***Ix-Xhud :***
Yes yes.

***Imhallef A Lofaro :***
Li isma' m' hemmx bizzejjed finanzi ghaliha din.

***Ix-Xhud :***
Le, zgur li le. Jiena, per ezempju jien meta hadt l-Awtorita` ta' l-Ippjanar jekk minhiex sejjer zball jiena kelli xi tmintax-il miljun lira dejn. Jigifieri there is only so much illi you can do bil-budget li jkollok! Generalment il-budget li jaghti l-gvern huwa biex tikkaverja l-pagi u biex tikkaverja r-running costs

***Imhallef A Lofaro :***
U ovvjament kontu titolbu ghal zieda hux

***Ix-Xhud :***
Iva kienet tintalab ghal zieda, imma ovvjament il-gvern ikollu l-prijoritajiet tieghu. Jigifieri jiena ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…dak il-bzonm tal-flus tinholoq l-idea illi inti flok twaqqa’, thallas xi haga, tajjeb? Hekk is-sistema? Ghax hekk jigri hu?

***Ix-Xhud :***
Le. Imbaghad kienet harget sistema ta’ regularisation

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu, inhallsu l-multa hux …?

***Ix-Xhud :***
Li tapplika bisss ghal dawk l-izvilupp li jinsab fiz-zona ta’ l-izvilupp, mhux ‘il barra miz-zona ta’ l-izvilupp.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux l-ODZ.

***Ix-Xhud :***
U mhux ODZ. Tapplika biss jekk inti mintix qed taghmel nuisance to neighbours fuq it-third parties. Ma tistax tapplika jekk ghandek change of use u li ghandek enforcement u dak ic-change of use ried ikun ilu hemm fis-sehh ghal iktar minn tliet snin minghajr ma kien hemm rapporti fuqu.

***Imhallef A Lofaro :***
Minghajr rapporti.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri hemm diversi kriterji kif ir-regularization tapplika.

***Imhallef A Lofaro :***
Almenu mhux carte blanche

***Ix-Xhud :***
No no. It is not a carte blanche

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` f’ hafna pajjizi ghandhom is-sistema illi jekk zviluppatur negozjant hu x’ inhu, jikser il-ligijiet diversi drabi mbaghad jigi black listed u ma jibqax …

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hawnhekk jew ma ghandnix din jew inkella ma tezistix ..

***Ix-Xhud :***
No ma ghandniex..

***Imhallef A Lofaro :***
Le ma ghandniex..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li jigri huwa illi wiehed wara l-iehor ikun ghamel.. u ssibu qieghed ghaddej u jiehu l-progetti tal-gvern, suppost ..jikser..; din il-verita` hi illi.., ghalija, hija kultura generali ta’ immunita hu! Ta’ immunita` jigifieri.

***Ix-Xhud :***
Yes yes.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issa dik imbaghad tista’ twasslek f’ kazijiet estremi, tajjeb? Jista’ iwasslek ghal affarijiet ohrajn. Ghax imbaghad biex wiehed jipprotegi ruhu jista’ jaghmel kollox hu! Imma insomma mbaghad naraw

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghandkom xi domandi?

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Buttigieg, fuq ta’ l-Imriehel ser nistaqsik jekk joghgbok. Tista’ tispjegalna, ghax hemm artikoli ukoll fil-gazzetta fil-public domain jigifieri, illi it was included by stealth per ezempju.

***Ix-Xhud :***
…yes

***Dr Jason Azzopardi :***
Dina kif grat? Jigifieri per ezempju halli nkun konkret halli tkun on the record, kellmek xi hadd minn l-Awtoritajiet mill-gvern? Kien hemm xi inkontri bejn xi hadd ta’ Tumas Group u xi hadd minn l-Awtorita`? Tista’ jekk joghgbok tispjegalna?

***Ix-Xhud :***
Mela, nerga’ nghidlek, il-policy ta’ l-FAR kienet tinkludi lil Malta u Ghawdex kollu. Il-fatt li ahna ma eskludejniex ma kinetx titlob li ahna nergghu mmorru ghal public consultation. Ghax inti, jekk inti mintix qed teskludi zoda, jew

jekk inti…, jekk inti mintix qed teskludi zona allura ma ghandekx ghalfejn tmur ghal public consultation; bhal ma kieku, li kieku inti qed tinkludi zona trid tmur ghal public consultation. Jigifieri la inti dak ma biddiltlux il-general requirements taz-zona tieghu allura ma kienx hemm ghalfejn tmur ghal public consultation. U nerga' nghid kif ghedt qabel li dina saret ghax ovvjament konna qed naraw li rridu li l-Imriehel tkun an Enterprise Hub. U anke minhabba id-decizjonijiet li kien hemm minn amministrazzjoni precedenti li attwalment kienu taw li s' hemmhekk jista' jitla sa 40 metru.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nsaqsi l-ahhar domanda forsi …; kellna zewg Ministri hawnhekk li qalu li affarijiet ta' policy stretta tigi deciza minn.. huma jsejhulu 'kitchen cabinet'; jigifieri grupp ta' nies illi jiddeciedu huma anke jekk il-Kabinett ma jkunx jaf. U l-Ministru Scicluna jumejn ilu qalilna dana l-kitchen cabinet kien kompost mhux biss minn Ministri imma wkoll minn ufficjali, avukati, numru ta nies ohrajn. Ma specifikax min huma; u ha nsaqsik domanda semplici. Jekk inti kontx wiehed minn dawn il-kitchen cabinet.

***Ix-Xhud :***
Jiena qatt ma iltqajt mal-kitchen cabinet jigifieri.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qed insaqsik biss jien. Le. Ir-risposta le.

***Imhallef A Lofaro :***
Jew shadow cabinet; ghidilha li trid.

***Ix-Xhud :***
No. Le, jiena li nista' nghidlek huwa li kull policy li ahna kellna dejjem kien …jigifieri qabel ma attwalment tigi mbaghad approvata dejjem il-Kabinett kien ikun brijfjat.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti nahseb taf il-… ghandek ir-rapport tal-Planning Ombudsman il-perit Pace dwar l-Imriehel

***Ix-Xhud :***
Kelli, imma ma ghadx ghandi jigifieri. Kelli.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Illi dan ir-rapport hemm indikat li l-Imriehel included by stealth.

***Ix-Xhud :***
Ehe, u qbilniex mieghu ahna.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Eh? F liema sens ma qbiltux mieghu?

***Ix-Xhud :***
Ma qbilniex mieghu ghax nerga' nghid hija.. it is an exclusion. The policy was excluding localities; not including localities. Li tant hu hekk imbaghad anke kellna konferma mill-Kummissjoni Ewropea fuqha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kellkom konferma fis-sens illi dik il-policy ta' l-Imriehel kienet giet studjata?

***Ix-Xhud :***
L-NGOs kienu fethu kaz mal-Kummissjoni anke wara li.., ghax inti tinsiex li kull policy li ssir imbaghad irid isir Strategic Environmental Assessment fuqu. Mela dak l-iStrategic Environmental Assessment jista' jigi ovvjament ikkwerjat kemm f' qorti lokali u kif ukoll at commission level. U l-ENGOs kienu hadu lill-gvern Malti at commission level biex ovvjament jargumentaw fuq din il-kwistjoni ta' l-inclusion of l-Imriehel.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jiena nifhem illi 2013 inti kont mahtur bhala CEO, le?, tal-MEPA dak iz-zmien?

***Ix-Xhud :***
Iva; wara li kien sar interview.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fit-23 ta' Novembru 2013 kienet giet moghtija direct order li certu Nicholas Wright.

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nicholas Wright huwa persuna li kien inkarigat ukoll mill-Malta Labour Party ghal mass meetings jew marketing tal-Malta Labour Party

***Ix-Xhud :***
Ehe, ma nafx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

B' decizjoni tad-data protection commissioner - ta' l-information and data protection commissioner, il-MEPA, li dak iz-zmien kienet immexxija minnek giet kritikata hafna 'l ghaliex skont dik id-decizjoni intom ma stajtux tipproducu la kuntratt u lanqas invoice ma' dan il-persuna; allura nixtieq insaqsik, dan il-persuna x' kien inkarigat jaghmel il-MEPA u x' xoghol wettaq ghal MEPA?

***Ix-Xhud :***

Mela li nista' nghidlek li kuntratt kien hemm, invoice kien hemm; ghaliex naf ghaliex il-gimgha l-ohra ghadni kemm kont in-National Audit Office u kien hemm ovvjament l-approval tal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll kopja ta' invoice. Kien gie appuntat biex attwalment jaghmel public perception surveys fuq il-Planning Authority. Ffit-2013 il-Planning Authority kellha.. ma nafx jekk inbidlitx fl-opinjoni tal-pubbliku, imma zgur kellha krizi ghaliex kien hemm hafna titoli li hija gvern fi gvern, mostru, u hafna affarijiet ohra minn dawn; u ovvjament ridna persuna indipendenti, persuna barranija li ma jkollhiex l-ebda affettwazzjoni lokali biex ovvjament jaghmel dawn il-public perception surveys. Li nista' nghidlek ukoll jien ma kontx kuntent bix-xoghol li kien sar u fil-fatt kont waqqaftlu l-kuntratt.

***Imhallef J Said Pullicino :***

…….; id-domandi li jkuu relevanti ghal ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Ir-relevanza hija din, ghalhekk staqsejt din il-mistoqsija biex nasal ghal din id-domanda. Il-konkluzjoni tieghek kienet li ma kontx kuntent bix-xoghol tieghu

***Ix-Xhud :***

Hekk hu…

***Dr Therese Comodini Cachia :***

U ghedt illi xtaqtu tinkarigaw persuna indipendenti. U allura d-domanda tieghi hija – dan il-persuna inkarigajtu inti b' mod dirett jew ircivejt xi istruzzjonijiet jew direzzjonijiet biex tinkariga lilu?

***Ix-Xhud :***

Le; ahna…, ma niftakarx jekk konna hrigna call jew inkella rajna numru ta' nies barranin li jistghu ituna dak is-servizz. Sa fejn naf jiena konna tlabna quote minn ghand kull wiehed minnhom; jidhirli li kien hemm xi tlieta jew erbgha; u wara, ovvjament kien fil-justification li hemm il-Ministru tal-Finanzi hemm kollox. Jigifieri ma ghandix hawn.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…

***Ix-Xhud :***
Ma niftakarx min 2013 sal-lum; ezattament ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghandi l-ahhar mistoqsija wahda biss Sur Imhallef li jonqos. Ir-relevanza hija cara ghalina llum minn l-informazzjoni fil-pubbliku imma tista' ticcara affarijiet ohra li jistghu jigu pprezentati quddiem dan il-Bord aktar 'il quddiem. Jekk inti tafx lis-Sur Yorgen Fenech u x' relazzjoni ghandek jew kellek jekk kellek mas-Sur Yorgen Fenech?

***Ix-Xhud :***
Ovvjament jiena naf lis-Sur Yorgen Fenech bhal ma naf lid-developers ohrajn kollha; jigifieri… Qabel it-2013 ma kontx naf lis-Sur Yorgen Fenech, jigifieri I never met him, jigifieri at least from what I recall. Sirt nafu way back 2014 nahseb; 2013 - 14 it was. Fejn l-ewwel progett li kien gie bih kien bi proposta ta' Conrad Hotel biex attwalment jibnija bhala parti minn land reclamation EOI li kien hemm originarjament li kien hareg il-gvern

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri f' dan il-kaz allura gie businessman bi progett u hemmhekk sirt tafu. Jigifieri qabel.., mhux l-ewwel tiddeciedi l-policy u mbaghad gie bil-progett.

***Ix-Xhud :***
Le il-gvern kien hareg EOI - kien ser jaghmel an expression of interest; u hu kien gie bi progett ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Bhala parti minn dak....

***Ix-Xhud :***
…bhala parti minn dak l-EOI.

***Imhallef J Said Pullicino :***
All right. U x' kien dan il-progett?

***Ix-Xhud :***
Biex jibni Conrad Hotel 'il barra mill-Hilton..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri nifhem illi allura r-relazzjoni tieghek mas-Sur Fenech hija biss relatata ma’ kwistjonijiet ta’ pjanar.

***Ix-Xhud :***
Imbaghad ovvjament 2018 - 2019 imbaghad konna sirna hbieb; ‘hbieb’ fis-sens darbtejn mort niekol ghandu…, dawk.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Hemm xi haga ohra li ghandna nkunu nafu?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma kont ghadek CEO tal-Planning dak iz-zmien?

***Ix-Xhud :***
Kont ghadni CEO tal-Planning iva

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma din ohra ta; mhux qed nghid ghalik issa.

***Ix-Xhud :***
Le le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
I mean jekk inti tkun f’ pozizzjoni, f’ certa pozizzjoni thossok komdu li tmur tiekol …

***Ix-Xhud :***
Iva ghaliex ovvjament jiena meta mort niekol mieghu ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sakemm ma jkunx business lunch! Ghax business lunch - business lunch.

***Ix-Xhud :***
Le le, jien kont mort niekol mieghu biex niddiskuti ghaliex hu kien interessat li kien qed jixtri il-Manuel Island u konna qed niddiskutu ovvjament il x’ jismu..; u wara kien inhareg il-permess tal-Halland kien gie bi progett differenti tal-Halland.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Hemm differenza bejn li tghid li 2018 sirna hbieb u li tghidli morna nieklu flimkien ....

***Ix-Xhud :***
Sirna hbieb jigifieri ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
…biex niddiskutu progett.

***Ix-Xhud :***
Jien ghalija jigifieri sakemm persuna ma jkunx ghamilli hsara ghalija huwa habib. Issa ..

***Imhallef A Lofaro :***
U ma tarax certu kunflitt?

***Ix-Xhud :***
Kunflitt ….?

***Imhallef A Lofaro :***
Kunflitt ta' interess;

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef A Lofaro :***
Li donnu ser nidhlu fil-personal, hbiberija…

***Ix-Xhud :***
Le, jigifieri jiena hawnhekk qed naghmel distinzjoni bejn dak li hu personali u bejn dak li huwa xoghol ovvjament.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri dawn l-ikliet kienu ghal ragunijiet ta' xoghol jew ghal ragunijiet ta' hbiberija? Qed insaqsik biex ticara l-pozizzjoni tieghek, ghax inti ghedt 'sirna hbieb'

***Ix-Xhud :***
Yes yes yes..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Biex ma nkunx ingusti mieghek ta' qed insaqsik

***Imhallef J Said Pullicino :***
…

***Ix-Xhud :***
Ehe, sentejn ilu

***Imhallef J Said Pullicino :***
..

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Imhallef A Lofaro :***
U nimmagina li mort tiekol id-dar tieghu, le?

***Ix-Xhud :***
Le. Morna nieklu go restaurant. Jigifieri morna nieklu z-Zen, darba jew darbtejn; u konna kont mistieden party, ghandu post Hal Qormi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri l-parti f'post Hal Qormi, jekk kien party ....

***Imhallef A Lofaro :***
Haz Zebbug jew Hal Qormi?

***Ix-Xhud :***
Wara l-KIA; ma nafx fejn ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Wara l-KIA. Mela Haz Zebbug

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela jekk kien party ma kinetx ikla fuq xoghol.

***Ix-Xhud :***
Le dak ma kinetx ikla fuq xoghol dak inhar; yes.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U ghal dak il-party kien hemm persuni ohra ta' interess li kienu prezenti? Per ezempju ..

***Ix-Xhud :***
Jien ma kont naf lil hadd minnhom li nista' nghidlek

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tista' issaqsih domandi diretti.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Per ezempju kien hemm nies fil-politika bhal Ministri, bhal Perm Secs, bhal Keith Schembri li kien ..

***Ix-Xhud :***
Le, fil-prezenza tieghi le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fil-prezenza tieghek le. Kien hemm persuni ohra li jokkupaw pozizzjonijiet bhal tieghek li dak iz-zmien kont Executive Chair tal-MEPA?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le. Jigifieri l-unika ufficjal pubbliku prezenti kont inti?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Grazzi.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Tista' tinzel Sur Buttigieg. Grazzi.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' **Johann Buttigieg** kif giet dettata minnu stess fil-prezenza ta' l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta' l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur